MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2006

Avviz Numru. 26/2000/1

Indri Mercieca .

vs

Maltacom plc. .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tiegħu l-attur talab lis-soċjeta' konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex, prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni illi s-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fil-11 ta' Frar 2000 fl-ismijiet 'Maltacom p.l.c. vs Indri Mercieca', Avviz Nru : 74/98, kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża, fl-ewwel lok tħassar interament, u fil-kapi kollha s-sentenza tagħha tal-ħdax (11) ta' frar fuq ċitata, għar-raġunijiet dedotti fl-artikolu 811 paragrafu (1) tal-Kap. 12; u sussegwentement tirritratta t-talbiet tal-konvenuta odjerna kif dedotti fil-kawża fuq ċitata .

Bl-ispejjeż, kontra tiegħek .

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa inti inġunt .

Rat il-verbal tal-kontendenti tat-23 ta' Gunju 2000 fejn qablu illi, "mingħajr l-ħtieġa illi tiġi nvestigata l-kwistjoni jekk ir-ritrattazzjoni hix ġustifikata jew le, din il-Qorti tgħaddi biex tisma' l-provi fuq il-mertu dedott fl-Avviż numru 74/98 fl-ismijiet inversi u tagħti sentenza fuq dak il-mertu wara li jkunu nstemgħu dawk il-provi" .

Rat l-atti tal-kawża msemmija : "Maltacom plc. vs Indri' Mercieca " - avviż nru. 74/1998, deċiża minn din il-Qorti fil-11 ta' Frar 2000, allegati permezz tad-digriet tagħha ta' l-20 ta' Gunju 2003 .

Rat il-verbal tagħha tas-6 ta' Gunju 2006 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inkluż il-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża, in vista tal-verbal tal-kontendenti hawn fuq imsemmi, qiegħed effettivament jintalab sabiex jiġi deċiż jekk l-ammont reklamat mis-soċjeta' Maltacom plc. fil-kawża msemmija hux dovut jew le . F'dik il-kawża Mercieca in linea preliminari kien eċċepixxa tliet preskrizzjonijiet, u ċioe': dik ta' tmintax-il xahar ai termini ta' l-artikolu 2148 tal-Kodiċi Civili, dik ta' sentejn ai termini ta' l-artikolu 2149 tal-Kodiċi Civili, kif ukoll dik ta' ħames snin ai termini ta' l-artikolu 2156 ta' l-istess Kodiċi . Kif ġie stabilit mill-ġurisprudenza, l-preskrizzjoni applikabbli f'dan il-każ hija dik ta' ħames snin[1] . Mill-istatement esebit mir-rappreżentant tal-

Prim'Awla:Maltacom plc. vs Concrete Works Ltd.:19.2.1999; Postmaster General vs Michael James Falla :13.05.80; Michael Saliba noe. vs Winston Carbone : 07.04.83; Telemalta Corporation vs Robert

Maltacom plc.[2] jirriżulta illi l-ħlas mitlub huwa għall-perijodu bejn Settembru 1989 u Diċembru 1991 . Il-kawża relattiva ġiet intavolata fl-1 ta' Lulju 1998, imma qabel kien sar Mandat ta' Qbid dwar l-ammont dovut fl-1 ta' Awissu 1993, u għalhekk il-preskrizzjoni ġiet interrotta . Mill-istess mandat sakemm ġiet ippreżentata l-kawża, lanqas kienu laħqu għaddew il-ħames snin tal-preskrizzjoni, u għalhekk din l-eċċezzjoni qed tiġi minnufih respinta .

Fuq il-mertu Mercieca jeċċepixxi illi m'għandu jagħti xejn lis-soċjeta' Maltacom plc. Ir-rappreżentant ta' din is-soċjeta' pero' spjega fid-dettal kif tela' dan il-kont u li Mercieca qatt ma ħallas xejn dwar dan is-servizz, billi baqa' dejjem jikkontestah . Qal ukoll kif is-servizz spiċċa tneħħielu wara li huwa ripetutament naqas illi jħallas għalieh u li baqa' jiġi ċċarġjat tal-kera sakemm is-servizz effettivament inqatagħlu fuq ordni tal-management għax il-klijent qatt ma għamel talba sabiex jitneħħielu .

Mercieca da parti tiegħu ma kien f'pożizzoni jagħti ebda spjegazjoni tajba għaliex dan il-ħlas ma kienx dovut, u sempliċement qal biss illi huwa dejjem ikkontestah .

F'tali ċirkostanzi, jidrilha illi t-talba għall-ħlas da parti tas-soċjeta' Maltacom hija ġustifikata u timmerita konferma .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi tiddikjara lil Indri Mercieca debitur lejn is-soċjeta' Maltacom plc. fis-somma ta' mitejn tlieta u għoxrin lira maltija u disa' u erbgħin ċenteżmu (Lm223.49), bl-interessi relattivi mid-data tal-preżentata ta' l-Avviż numru 74/1998 sad-data tal-pagament effettiv .

Bl-ispejjeż kontra l-istess Indri Mercieca .

**< Sentenza Finali >**

---

Spiteri: 05.11.92 u Maltacom plc. vs Muscat Group of Companies Ltd.:12.02.99.

[2] Dok.JA.1 a fol. 29

---------------------------------TMIEM---------------------------------